**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**CDP/COMP/756/2024**

[redacted]

**vs**

[redacted]

## ILMENT

1. Illi permezz ta' ittra datata l-25 ta' Ottubru 2024 li dan l-Uffiċċju rċieva fid-29 ta' Ottubru 2024, [redacted] (l-"**ilmentatur**") ressaq ilment mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (il-"**Kummissarju**") ai termini tal-artikolu 77(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (ir-"**Regolament**")[1], fejn għamel referenza għal żewġ (2) kameras ta' sorveljanza installati mal-faċċati tal-proprjetà[2] [redacted] (il-"**kontrollur**") u allega li l-kameras qegħdin jipproċessaw id-*data* personali tiegħu bi ksur tar-Regolament.

## INVESTIGAZZJONI

2. Illi bħala parti mill-investigazzjoni tal-ilment, il-Kummissarju pprovda kopja tal-ilment lill-kontrollur sabiex dan ikun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu li jidhirlu li huma rilevanti u xierqa sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu fir-rigward tal-allegazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu. Ai termini tal-artikolu 58(1)(e) tar-Regolament, il-Kummissarju ordna lill-kontrollur sabiex jipprovdi kopji tal-*image grabs* meħudin mill-filmati tal-kameras tas-sorveljanza sabiex

---

[1] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

[2] Waħda mil-kameras hija installata fuq il-faċċata ta' quddiem tal-proprjetà tal-kontrollur, bl-indirizz [redacted] u l-kamera l-oħra hija installata fuq il-faċċata ta' wara tal-istess proprjetà in kwistjoni, li taġġunta mat-Triq [redacted]

Airways House, Second Floor
High Street, Sliema SLM 1549
MALTA

(+356) 2328 7100
idpc.info@idpc.org.mt
www.idpc.org.mt



[redacted]

jiddetermina liema huwa l-ispazju li qiegħed jiġi ssorveljat permezz ta' dawn il-kameras. Il-Kummissarju ordna wkoll li jingħata d-ditta, il-mudell u d-dettalji tekniċi ta' dawn il-kameras.

3. Illi permezz ta' ittra elettronika datata t-13 ta' Frar 2025, il-Kummissarju ġie pprovdut b'żewġ (2) *image grabs* meħudin mill-filmati tal-kameras tas-sorveljanza. Minn dawn l-*image grabs* deher li l-kameras qegħdin fil-maġġor parti jaqbdu il-proprjetà privata tal-kontrollur. Mal-istess sottomissjoniet tal-kontrullur, il-Kummissarju ġie pprovdut ukoll b'informazzjoni dwar id-ditta, il-mudell u d-dettalji tekniċi ta' dawn il-kameras.[3]

4. Illi nonostante dan, mis-sottomissjonijiet tal-kontrollur datati t-13 ta' Frar 2025 irriżulta li l-kameras ta' sorveljanza għandhom il-kapaċità teknika ta' *Pan-Tilt-Zoom* ("**PTZ**") u li jagħtu l-possibilità li l-angolu u l-estent tal-qbid ikun jista' jiġi manuvrat faċilment mill-kontrollur bl-użu ta' applikazzjoni. Għal din ir-raġuni, il-Kummissarju ordna lill-kontrollur sabiex addizjonalment jipprovdi kopji tal-*image grabs* meħudin mill-filmati tal-kameras, fl-estremitajiet tal-angoli tagħhom, sabiex il-Kummissarju jkun jista' jiddetermina l-kapaċità teknika tal-kameras u liema żoni jistgħu jinqbadu permezz ta' dawn l-istess kameras. Fil-25 ta' Frar 2025, il-kontrollur ikkonforma mal-ordni tal-Kummissarju u pprovda l-*image grabs* u li minnhom il-Kummissarju seta' jikkonferma li l-kameras tabilħaqq għandhom il-funzjonalità li l-kontrollur jista' jaġġusta l-angolu tal-kameras b'tali mod li jista' jissorvelja spazju pubbliku u proprjetà ta' terzi.

## ANALIŻI LEGALI U DEĊIŻJONI

5. Illi bħala pass preliminari tal-investigazzjoni, il-Kummissarju eżamina s-suġġett tal-ilment fejn l-ilmentatur allega li l-kameras installati mill-kontrollur huma installati b'tali mod li "*qed jaghtu direttament ghal fuq il-propjeta tal-klijent tieghi*" u li għalhekk, dawn il-kameras qegħdin jipproċessaw id-*data* personali tiegħu mingħajr ebda bażi legali skont l-artikolu 6(1) tar-Regolament.

6. Illi l-Kummissarju jikkjarifika, bħala punt ta' tluq, li kull persuna privata għandha d-dritt li tinstalla kamera tas-sorveljanza mal-proprjetà privata tagħha għar-raġunijiet ta' sigurtà iżda dan għandu jsir b'tali mod li ma jiġux mittiefsa d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*.

[3] Il-kontrollur ipprovda d-dettalji tekniċi lill-Kummissarju li juru li l-kameras huma tal-mudell u d-ditta '*YCC365 PLUS / YILOT*'.

Dana jfisser li bħala regola ġenerali, il-kamera għandha strettament tħares għal fuq il-proprjetà privata tal-persuna mingħajr ma tissorvelja proprjetà ta' terzi u kif ukoll spazju pubbliku, li jinkludi t-triq.

7. Illi f'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li l-artikolu 1 u l-premessa 10 tar-Regolament għandhom l-għan li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jistipula li kull persuna naturali għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardha.

Il-kalibrazzjoni tal-kameras in kwistjoni

8. Illi mis-sottomissjonijiet tal-kontrollur li ġew ipprovduti matul il-kors tal-investigazzjoni, il-Kummissarju nnota li l-kameras tas-sorveljanza in kwistjoni għandhom il-kapaċità teknika ta' *Pan-Tilt-Zoom* u dana jfisser li l-kontrollur jista' faċilment jaġġusta l-angolu tal-qbid tal-kameras bl-użu ta' applikazzjoni biex ikun jista' jissorvelja 'l barra mill-konfini tal-proprjetà privata tiegħu. Dan ukoll ġie kkonfermat mill-*image grabs* li ġew ipprovduti mill-kontrollur nhar il-25 ta' Frar 2025.

9. Illi senjament, dawn it-tip ta' kameras ta' sorveljanza li jiġu b'dawn il-kapaċitajiet tekniċi ma joffrux garanziji xierqa li jirrispettaw il-prinċipju ta' ġustizzja minħabba l-possibbilità li d-*data* personali ta' terzi tkun tista' tiġi pproċessata minngħajr l-għarfien tagħhom.

Il-legalità tal-ipproċessar

10. Illi s-sorveljanza fil-forma ta' vidjo li mhijiex kostretta għall-konfini tal-proprjetà residenzjali tal-persuna, u li tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ħżin kostanti ta' spazju pubbliku u, jew proprjetà ta' terzi, tikkostitwixxi pproċessar ta' *data* personali għal-finijiet tal-artikolu 4(2) tar-Regolament. Dan għaliex din l-attività ġġib magħha l-ġbir u ż-żamma ta' *data* personali tal-persuni fiżiċi li jidħlu fl-ispazju mmonitorjat li huma identifikabbli fuq il-bażi tad-dehra tagħhom. Intant, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li "*l-immaġni ta' persuna rreġistrata permezz ta' kamera tikkostitwixxi data personali fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija fil-punt preċedenti sa fejn hija tippermetti li tiġi identifikata l-persuna konċernata*"[4]

[4] Kawża C-212/13, '*František Ryneš vs Úřad pro ochranu osobních údajů*', deċiża fil-11 ta' Diċembru 2014, paragrafu 22.

11. Illi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza '*Ryneš*'[5] iddeċidiet li s-sorveljanza bil-vidjo li "*tkopri, anki parzjalment, spazju pubbliku, u, minħabba f'hekk, tkun diretta 'l barra mill-isfera privata ta' dak li jwettaq l-ipproċessar tad-data b'dan il-mezz, hija **ma tistax titqies li hija attività purament "personali jew domestika**" [enfasi miżjuda]. Dan ir-raġunament ġie wkoll ikkonfermat mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (it-"**Tribunal**") permezz tad-deċiżjoni *'Raymond u Mary Ann konjuġi Cutajar vs Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data'*.[6]

12. Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi jirriżulta li s-[redacted] ma jista' qatt jipprovdi garanziji suffiċjenti li l-kameras qegħdin strettament jaqbdu l-proprjetà privata tiegħu u dan għaliex il-kameras għandhom il-kapaċità ta' PTZ u li permezz t'hekk, il-kontrollur jista' jissorvelja spazju pubbliku u kif ukoll il-proprjetà ta' terzi. Għaldaqstant, ġaladarba qatt ma jista' jiġi aċċertat li l-kameras qegħdin b'mod kostanti u sistematiku jaqbdu l-proprjetà privata [redacted], [redacted] huwa meqjus li qiegħed jaġixxi fil-kapaċità ta' kontrollur fis-sens tal-artikolu 4(7) tar-Regolament.

13. Illi konsegwentement, kwalunkwe pproċessar fl-ambitu tar-Regolament għandu jikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament u kif ukoll id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* affettwati, u għaldaqstant, il-kontrollur huwa responsabbli sabiex juri kif, f'dawn iċ-ċirkostanzi, bil-faċilità tal-kameras, l-attività ta' pproċessar kondotta minnu hija u se tkun f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament. Dan huwa skont il-prinċipju tar-responsabbilità hekk kif stabbilit fl-artikolu 5(2) tar-Regolament.

14. Illi l-prinċipju tal-ipproċessar legali li huwa wieħed mill-prinċipji tal-ipproċessar tad-*data* jeħtieġ li kull operazzjoni tal-ipproċessar li tkun qiegħda ssir ai termini tar-Regolament ikollha bażi legali għall-ipproċessar. Għaldaqstant, l-artikolu 6(1) tar-Regolament jistipula x'jista' jikkostitwixxi tali bażi legali, filwaqt li jitqiesu wkoll il-prinċipji ewlenin l-oħra għall-ipproċessar tad-*data* kif stipulat fl-artikolu 5 tar-Regolament.

15. Illi għall-iskop ta' din l-analiżi legali, il-Kummissarju stabbilixxa li ż-żewġ (2) kameras in kwistjoni għandhom il-kapaċità ta' PTZ kif fuq deskritt, u fil-fatt jaqbdu, fuq kull naħa, spazju pubbliku u proprjetà ta' terzi permezz tal-użu tal-kapaċità tal-aġġustament, kif ċarament evidenti mill-*image grabs* li ġew ipprovduti lill-Kummissarju nhar il-25 ta' Frar 2025. Dan

---

[5] Ibid, paragrafu 33.
[6] Appell Numru 4/2019, deċiża fis-27 ta' Ottubru 2020.

naturalment ifisser li l-ġar adjaċenti tal-kontrollur *ossia* l-ilmentatur huwa meqjus bħala suġġett tad-*data*.

16. Illi l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*[7] jispjega li kull bażi legali taħt l-artikolu 6(1) tar-Regolament jista' jipprovdi bażi għall-ipproċessar tad-*data* personali permezz tal-vidjo. Madankollu, fil-prattika, id-dispożizzjoni li tapplika għall-maġġor parti tal-każijiet huwa l-interess leġittimu tal-kontrollur ai termini tal-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament, u f'każijiet pjuttost eċċezzjonali, il-kunsens tas-suġġetti tad-*data*. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa inekwivoku li l-ilmentatur ma tax il-kunsens tiegħu għal tali pproċessar permezz tal-kameras in kwistjoni.

17. Illi skont il-prinċipju tar-responsabbiltà kif stabbilit fl-artikolu 5(2) tar-Regolament, il-kontrollur għandu juri li t-tliet (3) kundizzjonijiet kumulattivi japplikaw, ċioè l-eżistenza ta' interess li huwa ta' natura leġittimu, li l-ipproċessar huwa tabilħaqq meħtieġ u neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwit mill-kontrollur fis-sens tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* ai termini tal-artikolu 5(1)(c) tar-Regolament, u li dawn l-interessi ma jingħelbux mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*.

18. Illi l-Kummissarju jenfasizza li s-sorveljanza bil-vidjo tkun legali biss sabiex jintlaħaq xi skop ta' interess leġittimu segwit mill-kontrollur u dan l-interess irid ikun wieħed konkret u mhux fittizju jew spekulattiv. Nonostante dan, jekk is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għall-fini tal-artikolu 21 tar-Regolament, il-kontrollur irrid konkretament juri li huwa għandu interess leġittimu konvinċenti.

19. Illi skont il-Linji Gwida[8] tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data,* interess leġittimu jista' jkun preżenti f'dawn il-każijiet fejn hemm sitwazzjoni reali u ta' periklu, u dan l-interess irrid ikun jikkonċerna sitwazzjoni konkreta ta' diffikultà, bħal danni jew inċidenti serji fil-passat u dana qabel ma jibda l-ipproċessar permezz ta' sorveljanza. Madankollu, anke f'dawn l-istanzi, il-kamera għandha taqbad l-ispazju immedjat tal-proprjetà in kwistjoni.

20. Illi in vista tas-suespost u wara li ġew evalwati s-sottomissjonijiet tal-kontrollur, il-Kummissarju ma ġie pprovdut b'ebda spjegazzjoni konkreta jew evidenza suffiċjenti li turi li l-kontrollur għandu interess leġittimu li jagħmel użu mill-kameras bil-funzjonalità ta' PTZ.

---

[7] Linji Gwida 3/2019 dwar l-ipproċessar ta' data personali permezz ta' apparat video, verżjoni 2.0, adottati fid-29 ta' Jannar 2020.
[8] Ibid, supra (5).

Il-prinċipju tal-ġustizzja

21. Illi l-elementi prinċipali tal-prinċipju tal-ġustizzja kif stabbilit fl-artikolu 5(1)(a) tar-Regolament jinkludu, *inter alia*, il-ħtieġa li l-aspettattivi raġonevoli tas-suġġetti tad-*data* jiġu ssodisfatti u l-ħtieġa li jiġi evitat kwalunkwe metodu manipulattiv li jwassal għall-ipproċessar illegali ta' *data* personali ta' individwi.

22. Illi l-Kummissarju jinnota li minħabba li l-kameras għandhom il-kapaċità ta' PTZ jagħmilha prattikament mhux possibbli għall-kontrollur li joffri garanziji xierqa li d-*data* personali tal-ilmentatur mhijiex qiegħda tiġi, jew mhux se tiġi, ipproċessata arbitrarjament. Dan rifless ukoll fis-sentenza '*Raymond Orland vs John Caruana*',[9] fejn it-Tribunal ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju li permezz tagħha ordna lill-appellant sabiex ineħħi l-kamera a bażi tal-kunsiderazzjoni li l-appellant in kwistjoni ma offriex garanziji xierqa li d-*data* personali tal-appellat ma kinitx se tiġi pproċessata permezz tal-kamera. It-Tribunal iddeċieda hekk kif ġej:

> "*Li kieku jrid l-appellanti jista' jistalla l-Kamera għal fuq il-proprjetà X kif diġà għamel u biex jilħaq il-proprjetà Y għandu żewġ Mezzi: li jistalla kamera oħra fil parti Y* ***iżda ma jistgħax joqgħod idawwar il-kamera*** *sabiex bl-iskuża biex jissorvelja l-parti Y jinvadi l-propjeta tal-appellat Orland li hija mmarkata bl-ittra Z*" [enfasi miżjuda].

23. Inoltre, it-Tribunal fis-sentenza '*Matthew Bianco vs Philip Incorvaja*'[10] ikkonferma d-deċiżjoni fejn il-Kummissarju ordna lill-appellant in kwistjoni sabiex ineħħi l-kamera li kienet tpoġġiet bejn il-balavostri tal-gallarija abbażi li l-kamera setgħet faċilment tiġi aġġustata mill-appellant, u għalhekk, l-appellant naqas milli joffri l-assigurazzjoni meħtieġa li d-*data* personali tal-appellat ma kinitx se tiġi pproċessata permezz tal-kamera.

24. Illi kif innota u evalwa l-Kummissarju, l-operazzjoni tal-ipproċessar permezz tal-kameras bil-kapaċità ta' PTZ jagħmilha estremament faċli għall-kontrollur li jibdel l-angolu tal-veduta tal-kameras mingħajr ma l-ilmentatur, il-ġar adaċjenti, ikun jaf illi d-*data* personali tiegħu qiegħda tiġi pproċessata mill-kontrollur.

---

[9] Appell Numru CDP/COMP/451/2020, deċiża fil-15 ta' Settembru 2022.
[10] Appell Numru CDP/COMP/36/2020, deċiża fil-15 ta' Settembru 2022.

25. Illi l-objettiv tal-kontrollur jista' jintlaħaq bl-istess mod effettiv permezz tal-installazzjoni ta' kamera fissa angolata direttament lejn il-proprjetà privata tal-kontrollur. Miżura bħal din tipprovdi garanziji suffiċjenti u adegwati li l-kamera mhijiex taqbad żoni li jaqgħu 'l barra mill-konfini tal-proprjetà privata tal-kontrollur.

**A bażi tas-suespost u l-fatt li ż-żewġ (2) kameras għandhom il-funzjonalità ta' PTZ, il-Kummissarju qiegħed jiddeċiedi li l-attività tal-ipproċessar kondotta permezz ta' dawn il-kameras mhuwiex konformi mal-prinċipji tal-ġustizzja u legalità hekk kif stipulat fl-artikolu 5(1)(a) tar-Regolament.**

**Bis-saħħa tal-artikolu 58(2)(f) tar-Regolament, il-Kummissarju qiegħed jordna lill-kontrollur sabiex iwaqqaf l-operazzjoni tal-ipproċessar permezz tal-kameras billi jneħħi tali kameras fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni. Il-kontrollur qiegħed jiġi ordnat sabiex jinforma lill-Kummissarju bl-azzjoni korrettiva li tkun ittieħdet immedjatament u jipprovdi evidenza fotografika li l-kameras tneħħew. Din l-evidenza għandha tintbagħat permezz ta' email indirizzat lill-Kummissarju fuq idpc.cctv@idpc.org.mt**

**Nuqqas ta' konformità mal-ordni tal-Kummissarju fiż-żmien stipulat, il-kontrollur se jkun suġġett għall-multa amministrattiva ai termini tal-artikolu 83(6) tar-Regolament.**

**Mingħajr preġudizzju għas-suespost, xejn ma jipprekludi lill-kontrollur milli jinstalla kamera jew kameras esternament fuq il-propjetà tiegħu li jkunu ta' natura teknika fissa, bħal per eżempju *bullet CCTV camera*, li jkunu angolati direttament lejn il-propjetà privata tiegħu u li allura jipprovdu l-garanziji kollha neċessarji li l-angolu tagħhom mhux ser joqgħod jiġi manuvrat faċilment b'mod elettroniku.**

[redacted]

**Ian Deguara**
**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**Illum, it- 22 ta' April, 2025**

## Dritt ta' Appell

Il-partijiet qegħdin jiġu infurmati li skont l-artikolu 26(1) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta), kull persuna li lilha tkun ġiet indirizzata deċiżjoni legalment vinkolanti, għandha jkollha d-dritt li tappella bil-miktub lit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* fi żmien għoxrin (20) jum minn meta tiġi notifikata bid-deċiżjoni[11]. L-appell għandu jiġi indirizzat lil:

Is-Segretarja
Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*
158, Triq il-Merkanti
Valletta.

[11] Iżjed informazzjoni tinstab fuq il-websajt ta' dan l-Uffiċċju: https://idpc.org.mt/appeals-tribunal/